KUNSILL LOKALI - IL-MUNXAR - LOCAL COUNCIL

# MINUTI

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Il-Munxar**

**Laqgħa Nru.** 21/2016(27_07_16)

Data: 27 ta' Lulju 2016

Ħin: 5.30 ta' filgħaxija

Post: Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali Il-Munxar

---

Preżenti: **Is-Sinjura Carmen Said** - Sindku
**Is-Sur Robert Mallia** - Viċi Sindku
**Is-Sur Damien Spiteri** - Kunsillier
**Is-Sur Paul Curmi** - Kunsillier

**Is-Sur Anthony Grech** - Segretarju Eżekuttiv

Skużati: **Is-Sinjorina Sonja Abela** - Kunsillier

Assenti: **Is-Sinjorina Maria Masini** - Ambaxxatriċi Lokali taż-Żgħażagħ

---

## AĠENDA

1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti;
2. Punti mqajma mill-Minuti;
3. Komunikazzjoni mis-Sindku;
4. Korrispondenza;
5. Ilmenti;
6. Ftehim ma' Green MT dwar Skart Riċiklat;
7. Rapport tas-Segretarju Eżekuttiv;
8. Approvazzjoni tal-Pagamenti;
9. Mistoqsijiet tal-Kunsilliera;
10. Aġġornament.

## 1. Qari u approvazzjoni tal-Minuti

**1.01** Peress li l-Minuti ntbagħtu minn xi jiem qabel, dawn ġew meħuda bħala moqrija u ġew approvati.

## 2. Punti mqajma mill-Minuti

**2.01** Is-Sur Paul Curmi talab punt ta' kjarifika dwar 3.01 tal-Minuti. Din tirreferi għat-tikħil ta' ċint li sar bil-kantuni tal-franka wara li parti ta' Triq Żgħawri nksiet bil-*concrete*. Huwa staqsa wkoll dwar 5.03 tal-Minuti. Din kienet dwar kaxxa li saret biż-żebgħa safra quddiem *garage* li jintuża.

## 3. Komunikazzjoni mis-Sindku

**3.01** Xogħlijiet fil-lokalità:

**3.01.1** Ir-*railing* ta' Triq il-Kantra twaħħal u l-*culvert* ta' Triq San Xmun li kien imkisser intela bil-*concrete* proviżorjament għax biex jintranġa t-triq trid tingħalaq għal xi ġranet u peress li s-sajf diġà beda, dan ma huwiex possibbli. Twaħħlu ħames *litterbins* għall-ħmieġ tal-klieb fix-Xlendi u ieħor fil-Munxar. Issa baqa' erbgħa x'jitwaħħlu fil-Munxar.

Fix-Xlendi tkissru s-saqajn ta' bankijiet li kienu tkissru bil-maltemp xi snin ilu.

Inżebgħu sinjali fix-Xlendi speċjalment fil-kantunieri. Inqala' l-bruk tal-passaġġ u twaħħal il-festun tad-dawl fil-passaġġ tax-xtajta. Il-Kumitat tal-Kultura ser jagħti s-somma ta' €1,000 lill-Kunsill għall-attivitajiet tax-Xlendi.

Is-Sindku rċeviet ilment li s-*swimming zone* tax-Xlendi ċkienet u l-Kunsill kien ser jgħaddi dan l-ilment lil Transport Malta.

It-*taxi stand* li kien hemm maġenb l-istabbiliment C7 tneħħiet b'sentenza tal-Qorti u ġie deċiż li ssir viċin l-*ex kiosk* tal-APS. Viċin hemm kaxxa riservata għall-*parking* tal-muturi. Saret laqgħa ma' uffiċjali tal-ELC Ltd dwar tisqija tal-palm fejn l-*ex* Andar Hotel u l-qtugħ ta' radikal tas-siġar tal-bruk li hemm fil-passaġġ ta' taħt Triq San Xmun.

Saret laqgħa mar-rappreżentanti tal-iżviluppatur tal-proġett ta' Triq San Xmun rigward il-*water culvert* li tkisser bil-makkinarju waqt ix-xogħlijiet. Saret laqgħa mal-Avukat Deborah Mercieca u l-Perit William Lewis dwar il-każ tas-Sur Sammy Spiteri. Is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv attendew għal-laqgħa dwar programmi ta' fondi li għad iridu jiġu *issued*.

Is-Sindku marret flimkien mal-Perit William Lewis fi Triq Ras il-Bajjada rigward l-ilment ta' residenta li minn meta saret it-triq bit-tarmak, l-ilma tax-xita ma għadux jidħol fil-bir. Il-problema hija rigward il-kanna li hemm taħt il-bankina u ġie deċiż li titranġa l-bankina fejn hemm il-katusa.

Fi Triq il-Kantra sar xogħol ta' *patching* bil-*hot asphalt*. Qabel ma sar ix-xogħol, il-Perit Clint Camilleri, is-Sindku u l-Viċi Sindku marru fuq il-post. Il-Kunsill talab stima għal tqaxxir u kisi bil-*hot asphalt* kull metru.

## 4. Korrispondenza

**4.01** Il-Kunsill irċieva Ċirkulari Numru 3/2016 mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali bis-suġġett 'Maratona tal-*Volleyball* b'risq id-Dar tal-Providenza'.

**4.02** Il-Kunsill irċieva Ċirkulari Numru 4/2016 mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali bis-suġġett 'Għeluq tal-proċess ta' intervisti għal kandidati għall-Iskema ta' Impjieg Inklussiv fil-Komunità *(CIES)*'.

**4.03** Il-Kunsill irċieva Ċirkulari Numru 5/2016 mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali bis-suġġett 'Kjarifika għal Ċirkulari 2/2016 - Permessi għall-Ħatt ta' Merkanzija minn fuq *trailers*'.

**4.04** Il-Kunsill irċieva Ċirkulari Numru 6/2016 mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali bis-suġġett 'Obbligi u Dmirijiet tas-Segretarji Eżekuttivi'.

**4.05** Il-Kunsill irċieva Ċirkulari Numru 7/2016 mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali bis-suġġett 'Ġbir ta' Data dwar *Aged Creditors' Balance* sat-30 ta' Ġunju 2016'.

**4.06** Il-Kunsill irċieva Ċirkulari Numru 8/2016 mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali bis-suġġett 'Inizjattiva Finanzjarja favur il-Komunità – Librerji Lokali/Reġjonali'.

**4.07** Il-Kunsill irċieva Ċirkulari Numru 9/2016 mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali bis-suġġett 'Inizjattiva dwar Restawr ta' Postijiet Storiċi 2016'.

**4.08** Il-Kunsill irċieva invit mingħand l-Aġenzija Żgħażagħ għall-*event* 'The Third Space – Lessons Learnt from Outreach and Detached Youth Work Pilot'.

**4.09** Il-Kunsill irċieva ittra mingħand il-Fondazzjoni OASI rigward *workshop* ta' jumejn dwar 'Addiction, Substance Use & Associated Behaviour'.

**4.10** Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-Europe for Citizens Contact Point (ECP Malta), Dipartiment għall-Gvern Lokali fejn qed titwassal *e-mail* mingħand id-Direttur, International Relations, City of Joensuu, Finland rigward l-inizjattiva 'Connecting Europeans – for cities, towns and municipalities – Let's Fly the Flag of Europe – 28/07/2016'.

**4.11** Il-Kunsill irċieva ittra mingħand id-Direttorat għall-Promozzjoni tas-Saħħa u Prevenzjoni tal-Mard rigward iz-*zika* u l-kontroll tan-nemus.

**4.12** Il-Kunsill irċieva ittra mingħand il-LESA fejn qed jitolbu rendikont tal-punti kollha li l-Kunsill jixtieq jirrapporta lill-Aġenzija LESA sabiex din tkun tista' tassisti fir-rigward.

**4.13** Il-Kunsill ġabar informazzjoni minn fuq il-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta rigward il-permess PA/01612/16 fi Triq il-Munxar, Il-Munxar.

**4.14** Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-Gozo Tourism Association rigward *information session* dwar 'Restaurant Extensions and placing of tables and chairs outside catering establishments'.

**4.15** Il-Kunsill irċieva Ċirkulari AKL Cirk 37/2016 mingħand l-Assoċjazzjoni tal-Gvern Lokali fejn qed titwassal *e-mail* mingħand id-Direttur, Kunsilli Lokali PN rigward 'Konferenza Nazzjonali dwar l-Isport'.

**4.16** Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali fejn qed jitwassal Ċirkulari mingħand il-Kummissarju għat-Tfal bis-suġġett 'It-Tfal l-Ewwel – niċċelebraw il-Jum Dinji tat-Tfal'.

## 5. Ilmenti

**5.01** Il-Kunsill irċieva talba sabiex titwaħħal mera maġenb il-Knisja tal-Munxar fejn qabel kien hemm l-Għassa tal-Pulizija għaliex jista' jkun hemm periklu għat-tfal meta jaqsmu t-triq. Il-Kunsill ma jaqbilx peress li l-mirja tat-toroq huma għall-użu tal-vetturi u mhux tal-persuni li jkunu mexjin fit-triq.

**5.02** Il-Kunsill irċieva talba mingħand sid ta' mixta sabiex issir *corner mirror* fi Triq il-Munxar. Il-Kunsill ma jaqbilx ma' din it-talba għaliex fejn qed ikun propost li ssir din il-mera, ir-rampa tat-triq tibqa' ħierġa fin-nofs tat-triq.

**5.03** Il-Kunsill irċieva lment rigward il-ġbir ta' skart domestiku fi Triq Ta' Rinota għaliex ma huwiex jinġabar regolarment. Il-kuntrattur ġie mwissi dwar dan.

**5.04** Il-Kunsill irċieva ittra bi proposta sabiex jitpoġġa kontenitur sabiex kull resident ikollu l-faċilità li jarmi ħwejjeġ u oġġetti oħra relatati fil-kumdità tiegħu. Il-kordinazzjoni tal-ġbir issir min-naħa tal-kumpanija li qed tagħmel din il-proposta. Il-Kunsill qabel dwar din il-proposta.

**5.05** Il-Kunsill irċieva *e-mail* fejn qed isir ilment rigward trabijiet li qed itir mill-*parking* li qed jitmexxa mill-Munxar Falcons FC. Is-Sindku infurmat lill-Kunsill li din il-problema qed tiġi solvuta billi jintefa' l-ilma fuq ir-ramel.

**5.06** Il-Kunsill irċieva lment mingħand sid ta' proprjetà fi Triq iż-Żirżieb. Qed jitlob li jerġgħu jinżebgħu s-sinjali fil-kantuniera u jitwaħħlu tabelli sabiex ma jarmux żibel fil-kantuniera. Il-Kunsill diġà ħa ħsieb u s-sinjali nżebgħu.

**5.07** Il-Kunsill irċieva talba sabiex fi Triq il-Puniċi ssir kaxxa riservata biex jipparkjaw il-muturi. Il-Kunsill qabel dwar dan.

**5.08** Sid ta' għalqa fi Triq Ras il-Bajjada qed jilmenta li l-Kuntrattur li kien qed jagħmel trinka għall-*main* tal-ilma waqqa' xi kantuni ġol-għalqa tiegħu. Dan l-ilment ġie rreferut lill-Water Services Corporation li qed tagħmel ix-xogħlijiet.

**5.09** Il-Kunsill irċieva ittra mingħand il-PPCD rigward il-'Pre-announcement Call IV. Operational Programme 1: Fostering a competitive and sustainable economy to meet our challenges'. Il-Kunsill applika sabiex jiġi assessjat dwar il-proposta sabiex it-Torri tax-Xlendi jiġi restawrat. Qed niġu infurmati li peress li kien hemm rispons kbir, ir-riżultat ser joħroġ fl-aħħar ta' Awwissu 2016.

**5.10** Ir-Reġjun t'Għawdex informa lill-Kunsilli li r-Reġjun ġie infurmat mid-Direttur, Gvern Lokali biex għalissa ma jiġix approvat l-ebda *performance bonus* lill-ħaddiema tal-iskemi.

**5.11** Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-Perit Edward Scerri dwar il-klijent tiegħu li għadu kemm bena post fl-isqaq ta' Ġnien Ragalna. Huwa qed jitlob permess sabiex jagħmel bankina quddiem il-proprjetà tiegħu u jrid jgħaddi xi servizzi minn taħt l-art tal-ġnien. Il-Kunsill iddeċieda li bankina ma tistax issir fl-isqaq. Qabel ma jiġi diskuss dwar is-servizzi, trid issir *site inspection* mill-perit tal-Kunsill u jiġi ċċertifikat li x-xogħol sar skont il-ftehim li sar qabel beda x-xogħol u l-ħsara li saret fil-wiċċ tal-isqaq titranġa.

**5.12** Il-Kunsill irċieva rapport mingħand Transport Malta rigward *reserved parking* li ngħata fi Triq il-Qroll, Ix-Xlendi għal erba' xhur fis-sajf.

**5.13** Il-Kunsill irċieva lment mingħand resident fi Triq il-Puniċi, Ix-Xlendi dwar *plastic* u affarijiet tal-*computer* mal-art u ħmieġ fi Triq il-Puniċi, fuq nett fid-dawra. Qed titlob li ssir tabella. Dan il-ħmieġ kien tnaddaf.

**5.14** Il-Kunsill irċieva talba mingħand Chris Laeuffer sabiex jorganizza l-'Octoberfest in Ix-Xlendi', fit-23 u 24 ta' Settembru 2016. Peress li f'dan il-*weekend* ser ikun hemm attività mtella' mill-Kumitat tal-Kultura u l-Malta Tourism Authority, huwa ntalab jipproponi *weekend* ieħor. Huwa ppropona s-16, 17 u 18 ta' Settembru 2016. Il-Kunsill aċċetta li jagħti l-permessi meħtieġa.

**5.15** Il-Kunsill irċieva lment li fi Triq Sant'Indrija, Ix-Xlendi, il-bankina nkisret minħabba li *truck* tal-*bulky refuse* tela' fuqha. Din ser titranġa mill-ħaddiema tas-CMU.

**5.16** Il-Kunsill irċieva kopja ta' ittra li l-Malta Tourism Authority bagħtet lill-istabbilimenti tal-ikel fix-Xlendi. F'din l-ittra l-MTA qed titlobhom dokumentazzjoni dwar il-ġbir ta' skart u *swill*. Qed tfakkarhom dwar l-obbligi bil-liġi dwar din il-materja.

**5.17** Il-Kunsill irċieva ittra mingħand l-uffiċjal inkarigat mill-Arkivju Nazzjonali t'Għawdex rigward esibizzjoni bit-tema: 'In-niċeċ storiċi ta' Għawdex'. Din l-esibizzjoni ssir bħas-soltu fis-sala tal-Arkivju u hi x-xewqa li fil-katalgu tal-esibizzjoni jiġi pprintjat bil-kulur żewġ/tliet niċeċ storiċi minn kull belt, lokalità jew distrett ta' Għawdex b'ritratti meħuda minn fotografu professjonali u b'nota storika dwar kull niċċa miktuba mill-Istoriku Joseph Bezzina. Il-Kunsill qed jintalab jissuġġerixxi żewġ/tliet niċeċ l-iktar storiċi, antiki u importanti u li l-Kunsill joffri offerta żgħira ta' €25 ħalli kull niċċa tkun tista' tiġi riprodotta bil-kulur u ta' din l-offerta l-Kunsill jingħata ħames kopji tal-katalgu. Qed tintalab ukoll l-għajnuna għax se jibqa' €600 spejjeż biex jiġi stampat il-katalgu. Il-Kunsill qabel li jieħu sehem u ser jissuġġerixxi niċċa fi Triq Kolaċi li nbniet fis-sena 1837, niċċa li qiegħda fi Triq il-Munxar li nbniet fis-sena 1900 u niċċa oħra li qiegħda fi Triq San Pawl li nbniet fis-sena 1902.

**5.18** Il-Kunsill irċieva talba sabiex terġa' ssir *corner mirror* fi Triq Għajn Tuta, Il-Munxar peress li l-kantuniera hija perikoluża għat-traffiku. Kien hemm qbil li din issir.

**5.19** Il-Kunsill irċieva talba mingħand sid ta' proprjetà fi Triq San Xmun, Ix-Xlendi sabiex issir mera quddiem il-garaxx għax qed ikun hemm periklu għal min ikun irid joħroġ il-karozza. Il-Kunsill ma jaqbilx li jsiru mirja quddiem garaxxijiet privati.

**5.20** Il-Kunsill irċieva lment mingħand persuna li toqgħod fit-tarf t'isfel ta' Triq il-Munxar u qed tilmenta li l-ilma tal-vit qed ikun kollu sadid u ma huwiex tajjeb għall-ebda użu. Din il-problema ilha fuq sena minn kemm ilha tgħix f'dan il-post. Il-Kunsill kellem lill-inġinier inkarigat u ser jieħu ħsieb din il-problema.

**5.21** Il-Kunsill irċieva talba sabiex it-tabelli tal-ħwienet li twaħħlu mal-arbli tas-sinjali tat-traffiku fix-Xlendi jitneħħew bħal dawk li tneħħew fil-Munxar. Il-Kunsill qabel dwar dan.

**5.22** Il-Kunsill irċieva mingħand il-Planning Authority lista ta' żvilupp fil-Munxar u Ix-Xlendi.

**5.23** Il-Kunsill irċieva ittra mingħand Transport Malta rigward il-'public electric vehicle charging points'. Il-Kunsill ser jitlob tnejn; waħda fil-Pjazza tal-Knisja u oħra viċin Ġnien il-Professur Ġużè Aquilina.

**5.24** Il-Kunsill irċieva t-tieni twissija mingħand l-Avukat Kevin Mompalao f'isem il-persuna li qed titlob l-ispejjeż li għamlet fil-karozza tagħha. Dan il-każ diġà ngħata f'idejn l-avukat tal-Kunsill.

**5.25** Il-Kunsill irċieva kopja ta' *e-mail* mingħand l-Enemalta Corporation lill-Inġinier Renzo Curmi dwar il-lampa l-ġdida li twaħħlet man-naħa ta' wara tal-Knisja tax-Xlendi. L-Enemalta Corporation qed tgħid li l-lampa l-ġdida u oħra ftit 'il bogħod minnha huma mwaħħla fi proprjetà privata għax fid-daħla s-soltu titwaħħal katina. Il-Kunsill ser ikellem lir-Rettur biex jekk hemm xi katina mwaħħla, din tinqala' sabiex il-lampa tkun tista' tiġi kkonnetjata mas-*supply* tal-Gvern.

**5.26** Il-Kunsill irċieva talba mingħand resident ta' Triq il-Munxar fejn qed jitlob sabiex quddiem il-faċċata tiegħu jsir *double yellow line* biex ma jsirx *parking* u jkun jista' joħroġ il-vettura tiegħu. Il-Kunsill kien ser imur jara bil-perit.

**5.27** Il-Kunsill irċieva talba mingħand il-Munxar Falcons FC rigward il-bżonn li l-lasti tal-*ground* jinbidlu peress li dawk li hemm huma perikolużi u dan fid-dawl tal-inċident li ġara fi *ground* f'Malta. Huma qed jitolbu jekk huwiex possibbli li dawn il-lasti l-ġodda jitħallsu mill-Kunsill. Il-*Club* ser jiġi infurmat li l-Kunsill ma jistax iħallas għall-spejjeż li jsiru fi proprjetà privata.

**5.28** Il-Kunsill irċieva invit mill-Uffiċċju tal-Kultura t'Għawdex sabiex il-Kunsill u l-Kumitat Amministrattiv Ix-Xlendi jattendu *press conference* li ser issir fit-3 ta' Awwissu 2016 rigward ir-raba' edizzjoni tal-Festival taċ-Ċeramika li ser issir fix-Xlendi fis-6 ta' Awwissu 2016.

## 6. Ftehim ma' Green MT dwar Skart Riċiklat

**6.01** Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta lill-Kunsill l-offerta għall-provista ta' servizzi relatati ma' kollezzjoni ta' skart riċiklat. Din l-offerta ntefgħet wara li saret sejħa għall-espressjoni ta' interess MXR/001/2015. Il-Green MT kienet l-unika kumpanija li tefgħet l-offerta tagħha. Ġie deċiż li l-Kunsill jiffirma l-ftehim.

## 7. Rapport tas-Segretarju Eżekuttiv

**7.01** Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta lill-Kunsill il-kuntratt li ser jiġi ffirmat bejn il-Kunsill u s-Sur Joseph Mizzi, l-iskrivan il-ġdid. Huwa beda jaħdem mit-2 ta' Mejju 2016 u ser ikun *full-time* bil-paga ta' skala 15. Il-kuntratt ser ikun għal tliet snin u jkun jista' jiġġedded għal tliet snin oħra u jiġi tal-fiss wara erba' snin. Kien hemm qbil dwar dan.

**7.02** Il-Manager tal-Gozo Action Group Foundation talab lill-Kunsill jaħtar persuna li ser tirrappreżenta lill-Kunsill fil-ftehim li ser isir biex tiġi mwaqqfa l-fondazzjoni. Kien hemm qbil unanimu li r-rappreżentant tal-Kunsill Lokali Il-Munxar tkun is-Sindku, is-Sinjura Carmen Said.

**7.03** Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li wasal iż-żmien li jitwaqqaf bord sabiex isiru *write-off* ta' xi oġġetti li hemm fl-inventarju. Dawn l-oġġetti huma apparat li ma jaħdimx u ġie *obsolete* u oġġetti miksura. Meta dawn l-oġġetti jiġu ċċertifikati mill-bord, dawn jitkissru u jintremew. B'hekk ikunu jistgħu jitneħħew mill-inventarju. Il-bord irid ikun kompost mis-Sindku, Segretarju Eżekuttiv u Kunsillier. Is-Sur Robert Mallia aċċetta li jkun membru tal-bord.

**7.04** Is-Segretarju Eżekuttiv irċieva lment mingħand sid ta' proprjetà li qiegħda fil-kantuniera ta' Triq il-Biżantini ma' Triq il-Qsajjem. Huwa qed jilmenta dwar il-bozza li twaħħlet ma' arblu viċin il-proprjetà tiegħu fejn qed tagħti ħafna dawl lill-proprjetà tiegħu. Ilmenta wkoll dwar lampa oħra li hemm ma' arblu fi Triq il-Qsajjem. Is-Sur Paul Curmi kkonferma li dan l-ilment twassal ukoll lilu. Il-persuna li għamlet l-ilment personalment ma aċċettatx li tagħmel l-ilment bil-miktub. Ġie deċiż li dan l-ilment jiġi rreferut lill-Inġinier Renzo Curmi.

**7.05** Is-Sur Damien Spiteri ntalab jirtira mil-laqgħa għax fis-suġġett li kien ser jiġi diskuss kien hemm interess personali. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li hu u s-Sindku ltaqgħu mal-Avukat Deborah Mercieca u l-Perit William Lewis dwar l-ittra li l-Kunsill irċieva bil-Qorti mingħand is-Sur Sammy Spiteri fejn qed jitlob ħlasijiet għal xogħol li ma ġiex iċċertifikat mill-perit tal-Kunsill, xogħol li ma kienx awtorizzat li jagħmel u xogħol li skont il-kuntrattur ma tkejjilx kif kellu jitkejjel. F'din il-laqgħa ġie deċiż dwar jekk jistax isir tentattiv sabiex tinstab xi forma ta' ftehim. Irriżulta li min-naħa tal-Kunsill ma jista' jsir xejn għax inkella tkun qed tinkiser il-liġi.

**7.06** Is-Segretarju Eżekuttiv ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill li wara li ġie ppubblikat ir-rendikont tas-Sezzjoni Żgħażagħ Pawlini Munxarin ma hemm xejn imniżżel dwar l-għajnuna li ta l-Kunsill. Il-Kunsill kien ser jiġbed l-attenzjoni dwar dan lis-Sezzjoni Żgħażagħ Pawlini Munxarin.

**7.07** Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li rċevejna permezz tar-Road Permit System talba sabiex issir trinka għall-*cable* tad-dawl mis-*substation* ta' Triq Kolaċi, tgħaddi mill-Pjazza tal-Knisja għal Triq Dun Spir Gauci, Triq il-Kalkara tal-Ġir u tispiċċa fi Triq Ta' Bardan. Kien hemm qbil li ssir laqgħa mal-kuntrattur u mas-sid tal-proġett biex jiġu ċċarati l-affarijiet u jinħadem pjan għat-traffiku għal meta t-triq tkun magħluqa.

**7.08** Is-Segretarju Eżekuttiv fittex fil-*Parliamentary Questions* li saru dwar Ix-Xlendi eżattament dwar il-*boatyard* tax-Xlendi. Skont it-tweġibiet irriżulta li ma hemmx *boatyard* uffiċjali fix-Xlendi u jirriżulta li hemm qatgħa viċin il-baħar fejn qed jitpoġġew opri tal-baħar u karrijiet ta' dgħajjes kemm ta' wħud mis-sajjieda u kemm personali għal skop rikreattiv u mhux għal skop ta' sajd. Il-Kunsill ser jiċċekkja dwar din il-materja.

## 8. Approvazzjoni tal-Pagamenti

**8.01** Il-Kunsill approva l-iskeda ta' pagamenti numru 21/2016(27_07_16).

Il-ħin kien it-8.27 ta' filgħaxija u s-Sur Robert Mallia talab li jkun skużat u ħareġ mil-laqgħa għaliex kellu appuntament ieħor.

## 9. Mistoqsijiet tal-Kunsilliera

**9.01** Is-Sur Paul Curmi informa lill-Kunsill li tabelli tal-isem tat-triq ta' Triq San Pawl u Triq Dun Spir Gauci huma miksura. Hemm bżonn li jinżebgħu l-*lines* mal-art fi Triq San Pawl. Huwa semma wkoll dwar kantun li tpoġġa fit-triq sabiex jirfed ħajt tas-sejjieħ li qiegħed maġenb l-arkata tal-Wied tax-Xlendi għax dan huwa ta' periklu għaliex jekk jintlaqat b'xi vettura, il-ħajt jaqa' fuq il-vettura.

Is-Sur Paul Curmi rtira l-kumment li kien għadda dwar li kienu nħarġu xi *recordings* tal-laqgħat.

**9.02** Is-Sur Damien Spiteri fakkar fiex wasal il-proċess biex isir *bus shelter* proviżorju quddiem il-Lighthouse Supermarket u suġġeriment sabiex jerġgħu jsiru l-*fitness classes*. Ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill li fi Triq il-Puniċi ma huwiex jidħol il-kennies u t-*toilet* tan-nisa tal-latrina tal-*boatyard* għandu bżonn jitranġa vit tal-ilma. Fil-Pjazza tal-Knisja hemm żewġ *pelican lights* ma jixgħelux. Qed ikun hemm diversi skart maġenb il-*bring-in-site* tal-Munxar u għandu jsir CCTV.
Is-Sindku infurmatu li dwar il-*bus shelter* il-perit tqabbad sabiex jagħmel pjanti fejn ġie indikat li hemm post fejn tista' ssir u l-istess disinn tal-gazibo. F'dan il-post kien indikat li jsir il-monument tal-Professur Ġużè Aquilina. Bħalissa ma hemmx skemi għall-attivitajiet sportivi għalkemm 'il quddiem irid jiġi żgurat li jekk isiru jrid ikun hemm attendenza suffiċjenti. Il-Kunsill ħa nota tal-affarijiet l-oħra li ssemmew.

## 10. Aġġornament

**10.01** Il-laqgħa ġiet aġġornata għal nhar il-Ħamis, 18 ta' Awwissu 2016 fil-5.00 ta' filgħaxija b'Aġenda li tkun ikkomunikata aktar 'il quddiem.

**10.02** Il-laqgħa tal-lum intemmet fid-8.50 ta' filgħaxija.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| ***Carmen Said*** | ***Anthony Grech*** |
| *Sindku* | *Segretarju Eżekuttiv* |

Data: 18 ta' Awwissu 2016